**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta’ Marzu 2023**

Rikors Numru: 379/22 AL

A B

vs

C D B E

(M.R. Numru 524/2005)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tieghu espona:

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005) uz zwieg taghhom gie irregistrat fir-registru pubbliku ta' Malta (certifikat taz-zwieg Dok A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom tifla, F G li twieldet fit-tmienja ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (8/10/2008).

2. Illi l-partijiet huma sseparati ex lege permezz ta' kuntratt pubbliku datat wiehed u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (21/3/2016) fl-atti

tan-nutar Dottor Joseph Debono (hawn anness bhala Dok. B) kif emendat permezz ta' kuntratt pubbliku fis Sittax ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (16/3/2022) fl-atti tan-nutar Dr Brenda Jane Camilleri (hawn anness bhala Dok. C).

3. Illi r-rikorrenti ihallas manteniment ghal bintu minuri skond il-kuntratti hawn imsemmija.

4. Illi ma jezisti ebda prospett ragionevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom minhabba illi ilhom isseparati ghal diversi snin u jgħixu hajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall ksib tad-divorzju skont l-Artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi qed jigi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit tar-rikorrent innifisu (Dok D);

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet:

Illi l-esponenti m'ghandhiex oggezzjoni li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet stante li huwa minnu li ma hemmx prospett li jirrikonciljaw u li huma ghandhom hajja totalment indipendenti minn xulxin.

Illi l-partijiet huma finanzjarjament indipendenti, irrinunzjaw ghal manteniment minghand xulxin u li r-rikorrent hallas l-mantenimnent ghal bint minuri bil-quddiem sal-eta` ta' tmintax-il sena;

Illi salv li t-termini tas-separazzjoni personali u tal-emenda ta' separazzjoni jibqghu fermi u impregudikati, l-esponenti ma topponiex ghad-divorzju;
Illi wkoll l-esponenti tixtieq li tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe "E";

Ghaldaqstant l-esponenti ma topponiex ghal hall taz-zwieg pero taht il-kundizzjonijiet suespost u diment illi l-ispejjez kollha tal-procedura jigu akkollati lir-rikorrent.

Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti f'dan l-istadju, a savju gudizzju ta' din l-Qorti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-6 ta' Settembru 2022;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat ukoll illi l-intimata talbet li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` "E"; Il-Qorti tilqa' t-talba u tidderigi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-passi kollha f'dan ir-rigward;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Marzu 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "E", qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;